# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017**

**Numru 10**

**Rikors numru 501/2016 fl-atti**
**tar-rikors maħluf numru 560/2010**

***Joecar Limited* (C-16195) u**
***Vivienne Limited* (C-16197)**

***v.***

***Bank of Valletta p.l.c.* (C-2833)**

1. Dan huwa provvediment fuq rikors tas-soċjetà *Joecar Limited* biex il-qorti tbiddel dikriet li bih kawża tħalliet *sine die*. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-kawża kienet inbdiet fit-2 ta' Ġunju 2010 mis-soċjetajiet *Joecar Limited* – li għamlet ir-rikors tallum – u *Vivienne Limited* bħala atturi kontra *Bank of Valletta p.l.c* bħala konvenuta. Ġara illi fid-19 t'Awissu 2011, waqt li kienet miexja l-kawża, is-soċjetà *Vivienne Limited*

tħassret mir-reġistru tas-soċjetajiet bis-saħħa tal-art. 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji ["Kap. 386"]. Fis-seduta tal-4 ta' April 2016 quddiem din il-qorti għalhekk sar dan il-verbal:

> »Dr Mark Refalo għas-soċjetà appellanti [*Joecar Ltd*] jinforma … lill-qorti li s-soċjetà appellata [*recte* appellanti] *Vivienne Limited* ġiet stralċjata [*recte* tħassret minn fuq ir-reġistru] u ppreżenta rikors sabiex tiġi ri-attivata.
>
> »Il-qorti fiċ-ċirkostanzi tiddifferixxi l-appell *sine die* ri-appuntabbli fuq talba ta' waħda mill-partijiet.«

3. Inbdew proċeduri taħt l-art. 325(4) tal-Kap. 386 fl-ismijiet <u>Louis Scicluna *et v.* ir-Registratur tal-Kumpaniji</u> (rikors numru 266/2016) biex *Vivienne Ltd* terġa' tidħol fir-reġistru u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016 li minnha ma sarx appell ordnat li "l-isem *Vivienne Limited*, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni C16197, jerġa' jidħol fir-reġistru tal-kumpanniji".

4. Billi iżda ma sar ebda rikors biex il-kawża tallum terġa' titqiegħed fuq il-lista fiż-żmien ta' sitt xhur li jrid l-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-kawża tqieset deżerta fl-4 ta' Ottubru 2016 kif irid l-art. 967 tal-istess kodiċi.

5. *Joecar Limited*, imbagħad, b'rikors tas-17 ta' Novembru 2016 talbet lil din il-qorti:

> »… … … sabiex togħġobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-4 t'April 2016 b'liema [*recte* li bih] il-kawża tqiegħdet *sine die* ri-appuntabbli fuq talba ta' waħda mill-partijiet u minflok tiddikjara li l-kawża hija mhollija *sine die* ri-appuntabbli fuq talba ta' waħda mill-partijiet wara l-konklużjoni tal-proċeduri fuq premessi fl-ismijiet <u>Louis Scicluna *et v.* ir-Registratur tal-Kumpaniji</u> (nru 266/2016 JZM); u dana salv kull prowediment ieħor xieraq u opportun.«

6. *Bank of Valletta p.l.c.* wieġbet fit-12 ta’ Jannar 2017 u opponiet għat-talba.

7. Il-qorti tosserva illi r-raġuni għala l-kawża ma setgħetx tkompli timxi, u għalhekk tħalliet *sine die*, kienet illi waħda mill-partijiet – is-soċjetà *Vivienne Limited* – ma kinitx f’dak il-waqt għadha teżisti, u setgħet tkompli timxi biss wara li dik il-parti terġa’ tingħata l-ħajja. Kien ikun għalhekk għalxejn illi l-kawża terġa’ titqiegħed fuq il-lista fiż-żmien ta’ sitt xhur kif irid l-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Id-dikriet tal-4 ta’ April 2016 għalhekk għandu jiftehem fis-sens li l-kawża setgħet terġa’ titqiegħed fuq il-lista biss wara li jkunu ntemmu l-proċeduri biex *Vivienne Ltd* terġa’ tidħol fir-reġistru tal-kumpanniji, u, naturalment, ikun biss minn dakinhar li jibdew igħaddu s-sitt xhur imsemmija fl-art. 964(1).

8. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tħassar id-dikriet ta’ deżerzjoni tal-4 ta’ Ottubru 2016 u tirriforma d-dikriet tal-4 ta’ April 2016 li bih il-kawża tħalliet *sine die* billi tħassar il-kliem “tiddifferixxi l-appell *sine die* ri-appuntabbli fuq talba ta’ waħda mill-partijiet” u tordna li, minflok, jidħol dan li ġej:

> »tiddifferixxi l-appell *sine die* b’dan li jerġa’ jitqiegħed fuq il-lista fuq talba ta’ min mill-partijiet ikollu interess wara li l-isem tas-soċjetà *Vivienne Limited* (C-16197) ikun reġa’ daħal fir-reġistru tal-kumpanniji, b’dan ukoll illi ż-żmien ta’ sitt xhur imsemmi fl-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jibda jgħaddi biss minn dakinhar li l-isem ta’ *Vivienne Limited* (C-16197) ikun reġa’ daħal fir-reġistru tal-kumpanniji kif ingħad.«

9. Billi t-talba għall-korrezzjoni tal-verbal kellha ssir dakinhar stess li ngħata d-dikriet waqt is-seduta tal-4 ta’ April 2016 u mhux seba’ xhur

u nofs wara, u wara li kien ġà ngħata dikriet ta' deżerzjoni, l-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom *Joecar Limited*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
df